**Emenda 2**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ua (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ua. billi l-maternità surrogata tikkostitwixxi prattika li ddgħajjef id-dinjità tan-nisa u tat-tfal, peress li ġisimhom u l-funzjonijiet riproduttivi tagħhom jintużaw bħala komodità biex jinkisbu profitti finanzjarji jew profitti oħra;*** |

Or. en

5.2.2024 B9-0091/3

**Emenda 3**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 - punt da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) li jinkoraġġixxi l-istil ta' ħajja Ewropew, ibbażat b'mod partikolari fuq ir-rikonoxximent tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; li jiġġieled l-ideoloġija Iżlamista, li thedded is-sigurtà tagħna u ddgħajjef il-libertà u d-drittijiet tan-nisa, u li jiżgura li l-partijiet parteċipanti jwaqqfu l-appoġġ finanzjarju kollu għall-assoċjazzjonijiet marbuta mal-iżlamiżmu u l-promozzjoni kollha tal-velu Iżlamiku;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 4**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt h**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) li ***japplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri kif ukoll l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE u*** tal-Istati Membri ***peress li dawn huma għodod rikonoxxuti globalment biex jiġu implimentati d-drittijiet tan-nisa*** u ***tintlaħaq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***; | (h) li ***jippromwovi biss prijoritajiet relatati mal-kompetenzi tal-UE, b'rispett strett għall-prerogattivi*** tal-Istati Membri***, b'mod partikolari fl-oqsma tad-diplomazija, l-edukazzjoni*** u ***s-saħħa***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

5.2.2024 B9-0091/5

**Emenda 5**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt oa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oa) bħala kwistjoni ta' urġenza, li jipprojbixxi b'mod universali l-prattika tal-maternità surrogata, li tikkomprometti d-dinjità tal-bniedem billi tisfrutta l-ġisem u l-funzjonijiet riproduttivi tan-nisa għal gwadann finanzjarju u gwadann ieħor, u tittratta lit-tarbija li tkun għadha fil-ġuf bħala oġġett kummerċjali, u b'hekk tagħmel il-maternità surrogata ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

5.2.2024 B9-0091/6

**Emenda 6**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ob (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ob) li jiġġieled l-immigrazzjoni illegali u l-fatturi ta' attrazzjoni li jwasslu lin-nisa biex jirriskjaw ħajjithom u jagħmluhom vulnerabbli biex jiġu ttraffikati fil-kummerċ tas-sess, u biex jikkumbattu l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jdgħajfu s-soppressjoni tat-traffikar illegali tal-bnedmin;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

5.2.2024 B9-0091/7

**Emenda 7**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt qa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(qa) li jinkoraġġixxu passi prattiċi biex tingħeleb l-isfida demografika billi jiġu adottati miżuri ħalli tiżdied ir-rata tat-twelid u biex jingħata appoġġ lill-familji; li jirrikonoxxi u jivvaluta s-servizz ipprovdut mill-ġenituri lis-soċjetà kollha kemm hi; li jinċentiva l-politiki tal-familja, bħal appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' ċentri għall-indukrar tat-tfal, għal tqala għall-ewwel darba u bonusijiet għall-kura matul il-jum u l-kura fid-dar għal tfal b'mard kroniku jew b'diżabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt qb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(qb) li jirrikonoxxi li l-immigrazzjoni mhijiex soluzzjoni tajba għat-tnaqqis demografiku;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

5.2.2024 B9-0091/9

**Emenda 9**
**Annika Bruna, Maria Veronica Rossi**
f'isem il-Grupp ID

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B9-0091/2024**
**Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**
Il-prijoritajiet tal-UE għat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt va (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(va) li jippromwovi r-rwol uniku tal-maternità fi żmien ta' kriżi demografika globali, filwaqt li jingħata appoġġ sħiħ għas-saħħa materna vera, l-edukazzjoni u l-assistenza għat-treddigħ, u r-rispett għall-ommijiet li jagħżlu li jibqgħu fid-dar ma' wliedhom jew ma' dawk li jieħdu ħsiebhom;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità